# ID-DEVOZZJONI TAL-GĦAWDXIN LEJN L-EWKARISTIJA mill-qedem sa żmienna 30–2005

– *minn* **Mons. Dr. Joe Bezzina B.A. (Hons.) H.E.D.** –

Nhar il-Ħadd, 17 ta' Ottubru, 2004, il-mibki Papa Ġwanni Pawlu II, iddikjara miftuħa s-sena ddedikata lill-Ewkaristija waqt quddiesa u ċelebrazzjoni ewkaristika fil-Bażilika ta' San Pietru. Id-diskors kien ibbażat fuq il-kelmiet ta' Ġesù Kristu fil-vanġelu ta' San Mattew (Mt 28, 20): Jien magħkom sa l-aħħar taż-żminijiet. Ġesù qiegħed magħna u fostna fl-Ewkaristija.

Jixraq ħafna li fil-ħarġa ta' din is-sena ta' dan il-*magazin* tal-Għasri, l-unika parroċċa ddedikata lill-Ewkaristija f'Malta u Għawdex, nagħtu ħarsa ħafifa lejn id-devozzjoni Ewkaristika tal-Għawdxin tul iż-żminijiet.

## 30–1299: L-ewwel millennju

Il-fidi Kristjana twasslet lill-Maltin u l-Għawdxin minn San Pawl, il-kbir appostlu tal-ġnus, li aħna nsejħulu missierna fil-fidi. L-ewwel Ewkaristija – kelma mill-Grieg li tfisser radd ta' ħajr u l-isem mogħti lill-quddiesa fl-ewwel żminijiet – saret f'xi dar jew għar fejn stkennew San Pawl u sħabu tul ix-xhur li damu Malta.

Tagħrif dwar il-prattika tar-reliġjon Kristjana fl-ewwel żminijiet ma għandna xejn. Madankollu xi prattika tar-reliġjon kien hawn. Ta' dan għandna ħjiel fil-katakombi, jigifieri fiċ-ċimiterji ta' taħt l-art. F'xi katakombi quddiem il-mejda ta' l-agape – kelma li tirreferi għall-ikla ta' ħbiberija li kienet issir b'tifkira ta' xi ħadd – hemm niċċa żgħira mħaffra fil-ħajt (**ara d-disinni**). Esperti ta' l-Arkejoloġija Paleokristjana jobsru li dawn in-niċeċ huma l-ewwel artali ta' l-Ewkaristija li kellna Malta u Għawdex.

L-istorja antika ta' Malta ma hi xejn dokumentata tajjeb. Irridu naslu sas-seklu tnax biex insibu xi tagħrif dwar il-prattika tar-reliġjon





L-imwejjed ta' l-agape bin-niċeċ rispettivi ta' quddiemhom. **Xellug:** dik tal-katakombi ta' San Katald fir-Rabat – Malta; **lemin**: dik tal-katakombi tal-Mintna, l-Imqabba (Zammit 1926)

Għawdex. Fil-bidu tas-seklu tnax, u sewwasew fl-1127, Malta u Għawdex għaddew minn taħt il-ħakma Għarbija għal taħt dik Normanna, l-ewwel minn sensiela ta' ħakkiema Ewropej. Kienu n-Normanni li bil-mod il-mod reġgħu nisslu r-reliġjon Kristjana f'dawn il-gżejjer.

L-influss ta' l-Iżlamiżmu, ir-reliġjon tal-Għarab li kien hawn Malta, beda jonqos iżda dam fuq seklu biex intemm. Skond ċensiment tas-sena 1241, meta Malta kienet taħt l-Iżvevi, minn 366 familja li jidhru taħt Għawdex, 203 biss, jiġifieri ftit aktar min-nofs, kienu Kristjani.[1] Fl-1266, il-gżejjer għaddew taħt l-Anġojjini, u ftit snin wara, fl-1282, bdiet il-ħakma twila Aragoniża. Taħthom, ir-reliġjon Kristjana f'Għawdex baqgħet miexja aktar 'il quddiem.

## 1299-1530: L-ewwel vjatku u fundazzjoni ta' quddies

Għall-aħħar tas-seklu tlettax, kien joqgħod fil-kastell ta' Għawdex Guillelmus de Malta, kavallier nobbli, membru ta' l-aristokrazija militari. Dak iż-żmien kien viċi-Konti ta' Malta, jiġifieri kien il-kap tal-gżira fl-assenza tal-Konti.

Kien wasal biex imut, u għalhekk fit-8 ta' Frar, 1299, sejjaħ għandu lin-Nutar Genus de Puntetremulo. Mit-testment, li b'xorti tajba għadu konservat fl-Arkivju tal-Kuruna ta' Aragona, Barċellona, Spanja, jidher li n-nobbli kien iħoss rimors għal xi atti ta' vjolenza li kien wettaq tul il-karriera militari tiegħu. Xtaq imut fil-paċi, u qabel stqarr l-aħħar xewqat tiegħu, kif jixhed l-istess testament, tqarben: "receptor prius sacrosancto ministerio corporis et sanguinis Domini Nostri Ihesu Christi".[2]

Din l-aħbar qasira turina li, seba' mija u sitt snin ilu, fil-Kastell ta' Għawdex, ġa kien hemm Knisja li kienet qiegħda tiffunzjona ta' parroċċa. Għax vjatku mqaddes joħroġ biss minn knisja parrokkjali. F'din il-knisja li ma nafux lil min kienet iddedikata, kienet tinżamm l-Ewkaristija. L-aħbar turina wkoll li d-drawwa tal-Vjatku Mqaddes kienet ġa tinsab fost il-Kristjani Għawdxin.

Mal-mixja taż-żmien, il-Kristjani f'Għawdex komplew jiżdiedu, u żdiedu ankì l-knejjes. Nucio de Episcopo f'testment tat-12 ta' Ottubru, 1435, ħalla xi ħaġa lill-knisja tal-Kastell, imsejħa *Sanctae Mariae Matricis Ecclesia*.[3] Il-kelma Matriċi tixhed li minn dil-knisja kienet ħarġet talinqas parroċċa oħra. Nafu, infatti, li fis-sena 1450 kien hemm tliet parroċċi oħra fir-Rabat jew subborg tal-Kastell ta' Għawdex.

Id-devozzjoni tal-Għawdxin lejn l-Ewkaristija kienet żdiedet sewwa. Dan jixhduh in-numru sabiħ ta' quddies li huma kienu jħallu biex jitqaddes fil-parroċċi wara mewthom.[4] Fl-1545, Dun Ġużepp Manduca għamel viżta pastorali Għawdex bħala vigarju ta' l-isqof Dumink Cubelles. Fost l-oħrajn, jinnota l-ħafna quddies li kien imħolli fiż-żminijiet ta' qabel. Jinnota wkoll kemm kienu s-saċerdoti li kienu qegħdin itemmu dawn il-fundazzjonijiet. Il-knisja Matriċi kellha mhux anqas minn 29 saċerdot inkarigati minn dan il-quddies. Jidher li fl-amministrazzjoni ta' dawn il-fundazzjonijiet kienu jgħinu wkoll tliet djakni u żewġ kjeriċi.

Wara l-Matriċi, tissemma l-parroċċa ta' Santa Marija ta' Savina bi tliet saċerdoti, il-parroċċa ta' San Ġakbu b'sitta, u l-parroċċa ta' San Ġorġ b'qassis wieħed.[5] Dan juri

tajjeb kemm kienet kbira l-fiduċja tal-Għawdxin fis-sagrifiċċju tal-quddiesa.

## 1545–1678: L-ewwel fratellanza tas-Sagrament

Iżda kif żdiedet id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija, daħlu wkoll is-superstizzjonijiet u l-abbużi, kif jixhdu l-ewwel proċessi ta' l-Inkwiżizzjoni.[6] Fost dawn insemmu t-twemmin sod li biex quddiesa tgħodd, biżżejjed tara l-ostja mgħollija mill-qassis waqt il konsagrazzjoni.

Dan ħoloq ħafna ġiri fil-knejjes, għax kulħadd ried jara l-ostja fid-diversi quddies li jkun qed isir. Il-Benedizzjoni Sagramentali saret ħaġa spissa. L-ostja bdiet tiġi meħuda fil-vjatku lill-morda sempliċement biex jadurawha – abbuż li l-isqof Tumas Gargallo ikkundanna fis-Sinodu Djoċesan ta' l-1597.[7]



Dawn l-abbużi kienu mxerrda ma' l-Ewropa kollha. Fl-1538, twaqqfet Ruma l-konfraternità jew fratellanza tas-Santissimu Sagrament biex tnissel il-vera qima lejn l-Ewkaristija fost l-imseħħbin. Seba' snin wara, din il-konfraternità kienet ġa twaqqfet fil-knisja Matriċi ta' Għawdex. Skond att tat-30 ta' Diċembru, 1545, l-isqof Cubelles ried ixierek dil-konfraternità ma' dik ta' Ruma għall-privileġġi, l-indulġenzi, u l-jeddijiet kollha.[8]

Din il-konfraternità kellha ħajja qasira, għax fl-1551 il-parti kbira tal-Għawdxin tkaxkru fil-jasar.[9] Il-Viżitatur Appostoliku Pietro Dusina waqqafha mill-ġdid waqt iż-żjara tiegħu fil-knisja Matriċi fit-13 ta' Frar, 1575.[10] Dakinhar inkitbu fiha tlettax-il ruħ u, biż-żmien, bosta oħrajn. Il-membri kellhom jaraw li l-Ewkaristija tkun miżmuma f'post xieraq bix-xemgħa mixgħula u jieħdu ħsieb li l-vjatku mqaddes jitwassal lill-morda bis-serjetà u d-devozzjoni kollha li tixraqlu.[11] Dak iż-żmien it-tqarbin kien ħaġa rari u Dusina fil-fatt iħeġġeġ għat-tqarbin ta' spiss.[12]

Fl-1575, Għawdex kellu biss il-parroċċi tal-Matriċi u ta' San Ġorġ, waħda fil-Kastell u l-oħra fir-Rabat. Kienu ħafna dawk li joqogħdu 'l bogħod mill-parroċċa. Fil-knejjes tal-kampanja kienet issir l-aktar quddiesa fil-ġimgħa, jew darba fis-sena, nhar il-festa titulari. Ħafna nies setgħu jisimgħu quddies biss fil-Ħdud u l-btajjel. Btajjel li fihom kien hemm l-obbligu tal-quddies dak iż-żmien kienu jlaħħqu tnejn u tletin.[13]

Snin wara bdiet id-devozzjoni ġdida tal-*Quarant'Ore*. Il-Kwaranturi jissemmew l-ewwel darba fis-sinodu djoċesan tas-6 ta' Settembru, 1620, fi żmien l-isqof Baldassar Cagliares. Id-devozzjoni kienet ġa qabdet l-għeruq

u setgħet issir biss fil-parroċċi wara permess ta' l-isqof. Waqt is-sigħat ta' l-espożizzjoni, kienet meħtieġa l-preżenza ta' almenu żewġ kjeriċi.[14]

Għawdex kien sadattant stejqer mill-assedju ta' l-1551, u ħafna reġgħu bdew iħallu ħafna quddies biex jitqaddes wara mewthom. Waqt żjara pastorali fil-Matriċi ta' Għawdex, l-isqof Cagliares sab li ħafna fondazzjonijiet ma kinux qed jiġu mitmuma. Għalhekk fis-6 ta' Ġunju, 1623, waqqaf kolleġġjata biex biddel il-piż tal-quddies mat-talba ta' l-Uffiċċju Divin. Kienet, nistgħu ngħidu, id-devozzjoni tal-Għawdxin lejn is-sagrifiċċju tal-Quddiesa li wasslet għat-twaqqif ta' l-ewwel kolleġġjata fil-gżira ta' Għawdex.[15]

## 1678–1903: Parroċċi ġodda, devozzjoni ikbar

Iktar 'il fuq irriferejna kif in-nuqqas ta' parroċċi kien iżomm lin-nies bogħod mis-smigħ tal-quddies u t-tqarbin ta' spiss. Il-folja nqalbet fl-1678, meta fis-27 ta' Novembru, ix-Xewkija saret l-ewwel parroċċa 'l barra mir-Rabat. Disa' xhur wara, fid-29 ta' Awissu, 1679, l-Għarb ukoll sar parroċċa għalih. U disa' snin wara, fid-28 ta' April, 1688, inqatgħu mill-Matriċi erba' parroċċi oħra: ta' Sannat, ix-Xagħra, in-Nadur mal-Qala, u ż-Żebbuġ.[16]

Il-quddies u t-tqarbin sar possibbli għal numru akbar ta' nies. Minn rapport li l-Kappillani ta' Għawdex hejjew lill-isqof Davide Cocco Palmeri fl-1705, joħroġ ċar li l-parti l-kbira tal-Għawdxin kienu qegħdin jersqu jitqarbnu.[17] Il-konfraternità tas-Sagrament twaqqfet fil-parroċċi ġodda f'qasir żmien. Bil-mod il-mod, kull waħda kienet magħquda ma' l-Arċikonfraternità ta' Ruma.[18]

Sadattant, id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija kompliet żdiedet sewwa, kif jixhed is-Sinodu Djoċesan tas-sena 1703, l-aħħar wieħed li sar qabel Għawdex inqata' djoċesi għalih.[19] Is-solennità tal-Korpus kienet issir b'festa kbira u f'kull jum ta' l-ottava tiegħu, kienet issir purċissjoni qasira bis-Sagrament. Purċissjoni oħra bis-Sagrament, hekk magħrufa bħala tat-'Terza', li nqatgħet fl-1968, kienet issir fit-tielet Ħadd ta' kull xahar f'kull knisja parrokkjali. Kienu jieħdu sehem fiha l-fratelli tal-fratellanza tas-Sagrament. F'Ħamis ix-Xirka, fil-Knejjes Parrokkjali u Sagramentali, kien beda jintrama s-Sepulkru b'ħafna tiżjin u xama'. Il-Kwaranturi fil-knejjes parrokkjali kienu wkoll qed isiru b'ħafna devozzjoni.[20]

L-Ewwel Tqarbina kienet issir ma' għeluq it-tnax-il sena. It-tfal kienu jiġu mhejjija mill-kappillan u l-qassisin tal-parroċċa. Kien daħal ukoll l-użu tal-bullettin, biljett li kien iqassam il-kappillan ħa jinbidel fi żmien l-Għid biex ikun ikkontrollat min qiegħed jersaq jitqarben u min mhux.[21]

Il-fiduċja tal-fidili fil-quddies kompliet tikber u l-fondazzjonijiet baqgħu jiżdiedu. Il-qassisin kienu mħeġġa jqaddsu f'ħinijiet differenti ta' fil-għodu għall-kumdità tal-fidili. Kellha ssir quddiesa mat-tbexbix; hekk il-fqar li ftit kellhom ħwejjeġ x'jilbsu jew li kellhom ħwejjeġ imqattagħa u mċerċra setgħu jmorru għal din il-quddiesa mingħajr mistħija.[22] Id-dawl nemniemi kien jostrilhom il-faqar tagħhom.

Il-gżejjer Maltin għaddew minn taħt il-ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann għal taħt il-Franċiżi fl-1798, u wara, taħt l-Ingliżi fl-1800. Id-devozzjoni lejn Ġesù Ewkaristija


SIGNUM INPLETI
PRÆCEPTI PASCHALIS
In S. Parli. Ecclesia Pagi Ghasri
DIOECESIS GAUDISIEN
An. Dni. 1966 1967 19 19 19
19 19 19 19 19 19
Parochus. JOANNES CINI

Il-bullettini tal-preċett tal-Għid utilizzati tul il-parrokat fl-Għasri ta' Dun Ġwann Cini. Ta' fuq kien jitqassam fil-familji qabel l-Għid, u l-ieħor li kien jingħata bi bdil meta l-persuna konċernata tagħmel it-Tqarbina tal-Preċett Paskwali.


SIGNUM APPROBATIONIS
AD PRÆCEPTUM PASCHALE
In S. Parli. Ecclesia Pagi Ghasri
DIOECESIS GAUDISIEN
An. Dni. 1966 1967 19 19 19
19 19 19 19 19 19
Parochus. JOANNES CINI

ma naqsitx. Fl-1903, l-ewwel Sinodu li sar fid-Djoċesi ta' Għawdex, iddiskuta fost l-oħrajn l-Ewkaristija. Jenfasizza l-kobor tas-sagrifiċċju tal-quddiesa u t-tqarbin imqaddes u jħeġġeġ għal devozzjoni akbar lejn Ġesù Sagramentat.[23]

Għawdex u Kemmuna nqatgħu djoċesi għalihom fis-16 ta' Settembru, 1864. Maż-żmien twaqqfu parroċċi ġodda: ta' Għajnsielem, tal-Qala, Ta' Kerċem, u ta' San Lawrenz. Daħlet devozzjoni oħra lejn l-Ewkaristija, it-tqarbina fl-ewwel ġimgħa tax-xahar, jum iddedikat lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Id-devozzjoni mexxewha Għawdex il-patrijiet Ġiżwiti li fl-1866 bdew imexxu s-Seminarju ta' Għawdex. Fl-1882, il-post semmewh is-Seminarju tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.[24]

## 1904–1921: Knisja u Kungress Ewkaristiku

L-imħabba tal-Għawdxin lejn l-Ewkaristija kienet laħqet l-aqwa tagħha bil-ħeġġa tad-devot kbir ta' l-Ewkaristija, Monsinjur Luigi Vella (1859-1928). Fl-1901, ingħata l-inkarigu li jibni mill-ġdid il-knisja ta' Santa Marija ta' Savina. Tħabat kemm felaħ u fetaħha fl-1903. Fl-intervall, irnexxielu jaqla' minn Ruma l-grazzja – eċċezzjonali għal dak iż-żmien – li l-knisja tkun Sagramentali.

L-isqof ta' Għawdex, Ġwanni Marija Camilleri, ikkonsagraha fis-7 ta' Frar, 1904, u b'digriet tas-7 ta' Marzu, waqqaf fiha Il-Għaqda ta' Ġesù Sagramentat bil-ħsieb li tibda ssir l-adorazzjoni ta' spiss. Fid-19 ta' Marzu, kienet magħquda mal-Għaqda Primarja ta' Ġesù Sagramentat imwaqqfa fil-Knisja ta' San Klawdju, Ruma. Il-membri kienu msejħa gwardji ta' l-unur.

Nhar l-Erbgħa, l-1 ta' Ġunju, 1904, lejlet il-Festa tal-Korpus, bdiet l-Adorazzjoni Perpetwa. Il-gwardji kienu jaduraw tnejn tnejn kull siegħa mis-6 ta' filgħodu sas-6 ta' filgħaxija. Fl-iljieli tal-Karnival u ta' Ħamis ix-Xirka, il-gwardji rġiel kienu jagħmlu adorazzjoni bil-lejl. Sa l-1909, tant issieħbu gwardji, li saret possibli l-Adorazzjoni kuljum, barra mix-xhur tas-sajf.

Mons. Vella beda opri oħra biex ikompli jkabbar il-qima lejn l-Ewkaristija. Fit-12 ta' Lulju, 1905, waqqaf Il-Għaqda ta' l-Adorazzjoni Kwotidjana Universali Perpetwa; l-imseħbin riedu jagħmlu viżta lil Ġesù Sagramentat kuljum. Fid-19 ta' Lulju, 1906, waqqaf Il-Għaqda tal-Paġġi ż-żgħar ta' Ġesù Sagramentat; it-tfal li jissieħbu riedu jagħmlu

siegħa adorazzjoni fix-xahar. Fit-23 ta' Marzu, 1909, bdiet Il-Għaqda tas-Saċerdoti Adoraturi; is-saċerdoti msieħbin kellhom jagħmlu siegħa adorazzjoni fit-23 ta' kull xahar. Fl-1 ta' Marzu, 1910, waqqaf Il-Għaqda ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju; l-erwieħ miktubin kien isirilhom talb quddiem Ġesù Sagramentat kull l-ewwel Tnejn tax-Xahar. Fit-23 ta' Settembru, 1913, is-sena tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali, waqqaf b'tifkira L-Għaqda ta' l-Adorazzjoni ta' bil-lejl; l-imsieħbin irġiel riedu jagħmlu siegħa adorazzjoni darba fix-xahar bit-tpattija għall-offiżi li jsiru lil Ġesù.

It-tqarbin ta' kuljum kien żdied bi sħiħ. U kompla meta l-Papa San Piju X, bid-digriet *Quam Singulari* tat-8 ta' Awissu, 1910, niżżel l-età ta' l-Ewwel Tqarbina għal sitt snin. Nhar id-29 ta' Jannar, 1911, twaqqfet parroċċa ġdida, it-Triq tal-Għajn jew il-Fontana. F'din il-klima Ewkaristika kienet iddedikata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.

Il-knisja ta' Savina saret bil-mod, iċ-ċentru ta' Ġesù Ewkaristija f'Malta u Għawdex. L-imsieħbin fl-Għaqdiet kienu miż-żewġ gżejjer u ankì l-offerti kienu jaslu minn kull naħa. Fl-1912, Mons. Vella reġa' beda jkabbar il-knisja. U fid-29 ta' April, 1913, kienet miftuħa solennement mill-Kardinal Domenico Ferrata, il-Legat tal-Papa Piju X għall-XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar Malta.[25]

## 1921–1929: Parroċċa u Kungress Ewkaristiku

Id-devozzjoni lejn Ġesù Ewkaristija nisslet għeruq fondi fi qlub l-Għawdxin kollha. Meta wasal iż-żmien li titwaqqaf il-parroċċa tal-Għasri u l-Viċendarju Dun Karm



Il-Knisja ta' Savina armata għall-Kungress Ewkaristiku ta' l-1929.

Caruana kkonsulta l-poplu dwar l-għażla tat-titular, din id-devozzjoni kellha piż fuq id-deċiżjoni. Nhar is-16 ta' Diċembru, 1921, il-parroċċa tal-Għasri twaqqfet taħt it-titlu ta' Ġesù Ewkaristija.

Fil-bidu ta' l-1923, Mons. Luiġi Vella ittanta jkompli jkabbar id-devozzjoni lejn Ġesù Ewkaristija, bit-twaqqif ta' għaqda ta' sorijiet, ir-*Religiose Ancelle del Santissimo Sacramento*. Kera d-dar numru 24, Pjazza Savina, biex isservi bħala kunvent u daħħal xi xebbiet bi prova. Iżda din l-għaqda, l-iktar minħabba nuqqas ta' fondi, baqgħet ma seħħitx.[26] Mons. Vella miet fis-17 ta' Lulju, 1928, u t-tmexxija tal-knisja għaddiet f'idejn Mons. Pawlu Cauchi.

## 1929–2005: Kungressi, Movimenti, u Rivisti

Is-sena 1929 kien jaħbat għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mill-bidu ta' l-adorazzjoni perpetwa f'Savina. Kien jixraq li Għawdex Ewkaristiku jfakkar b'festi kbar dan l-anniversarju. U Mons. Cauchi ma' l-isqof Mikiel Gonzi ta' Għawdex ħasbu li jagħmlu Kungress Ewkaristiku mill-iprem.

Il-festi fetħu l-Ħadd, 9 ta' Ġunju, b'pellegrinaġġ mill-irħula kollha ta' Għawdex għas-Santwarju Ta' Pinu. Il-Kungress proprju fetaħ nhar it-13 ta' Ġunju fil-Katidral bil-parteċipazzjoni ta' seba' isqfijiet u ta' folla kbira ħafna. Il-Kungress intemm il-Ħadd, 16 ta' Ġunju. Kien kungress li rnexxa bil-kbir.[27]

Id-devozzjoni Ewkaristika baqgħet qawwija Għawdex. Il-knisja ta' Savina baqgħet il-fulkru ta' din id-devozzjoni. Għalkemm diversi mill-għaqdiet li kienu twaqqfu fis-snin ta' qabel qajla baqgħu jaħdmu, iżda l-poplu Għawdxi qatt ma naqas li jmur hemm jadura lil Ġesù Ewkaristija.

Ispirati minn din il-ħeġġa f'Savina, Dun Rużar Borg (Triq tal-Għajn) u Dun Franġisk Debrincat (Munxar) waqqfu l-Moviment Ewkaristiku Għawdxi nhar it-8 ta' Diċembru, 1969. Il-grupp jiltaqa' fil-kappella tal-Madonna tal-Karmnu Ta' Ħamet fejn jorganizza l-adorazzjoni kuljum. Imexxi wkoll iljieli ta' talb fil-parroċċi kollha ta' Għawdex.[28]

Matul is-snin din id-devozzjoni Ewkaristika wasslet għall-ħruġ ta' tliet rivisti relatati ma' l-Ewkaristija. L-ewwel kellna ***L'Eucaristia – ħabbar ta' Ġesù Sagramentat***, maħruġ minn Mons. Luiġi Vella, bejn l-1908 u l-1928;[29] it-tieni ***Ġesù Ewkaristija***, maħruġ minn Mons. Pawlu Cauchi, bejn l-1929 u l-1940; u l-***Agape*** – rivista ta' spiritwalità Ewkaristika, maħruġa minn Dun Ġwann Cini, bejn l-1970 u l-1973. Ma' dawn wieħed jista' jżid ukoll ***Il-Korpus*** – leħen mill-Parroċċa tal-Għasri, annwali; ippubblikat l-ewwel darba fl-1984 bl-iskop doppju li jippromovi l-kult Ewkaristiku, u dak kollu konness mar-raħal.

Fis-sena 1979, għeluq il-ħamsin sena mill-ewwel kungress, l-isqof Nikol Ġ. Cauchi ta' Għawdex (1967-2005) reġa' organizza Kungress Ewkaristiku ieħor. Il-Kungress infetaħ is-Sibt, 22 ta' Settembru, b'konċelebrazzjoni fil-Katidral. 'L-għada, fil-Knisja Parrokkjali tal-Għasri saret quddiesa konċelebrata mill-Isqof, flimkien mal-Kappillani u membri tal-Kleru. Wara saret purċissjoni Ewkaristika



GĦASRI 1986: L-Isqof Nikol Ġ. Cauchi bl-Ostensorju, taħt il-baldakkin, waqt il-purċissjoni Titulari ta' Korpus.

# *Tifkiriet tat-tliet Kungressi Ewkaristiċi ta' Għawdex imnedija fis-seklu għoxrin.*




*Fuq: Il-kartolina uffiċċjali li nħarġet b'tifkira tal-Kungress Ewkaristiku ta' l-1929.*
*Taħt: il-kopertina ta' żewġ fuljetti ppubblikati b'tifkira tal-Kungressi Ewkaristiċi ċċelebrati fl-1979, u fl-1999 rispettivament.*






djoċesana li ġiet fi tmiemha bil-Benedizzjoni Sagramentali fuq iz-zuntier ta' l-imsemmija knisja. Bħala tifkira ta' dan il-Kungress, mal-Kunvent ta' Santu Wistin twaħħlet irħama kommemorattiva.

Fis-sena 1999, għeluq is-sebgħin sena mill-ewwel Kungress, l-istess isqof Nikol Ġ. Cauchi sejjaħ it-tielet Kungress Ewkaristiku Djoċesan. Mil-ġdid saru attivitajiet fuq livell parrokkjali u livell djoċesan. Il-Kungress infetaħ is-Sibt, 13 ta' Novembru, b'konċelebrazzjoni pontifikali fil-Katidral u ntemm nhar Kristu Re, il-Ħadd, 21 ta' Novembru, b'korteo minn quddiem il-monument ta' Kristu Re fi Pjazza Indipendenza (it-Tokk) sal-Kumpless Sportiv tar-Rabat.

Fl-okkażjoni tas-Sena Ewkaristika Internazzjonali 2004-05, tnieda Kungress inter-djoċesan: "Ibqa' magħna Mulej", li ser jibda fit-23 ta' Mejju u jingħalaq fuq il-Fosos tal-Furjana nhar it-3 ta' Ġunju 2005.

## Konklużjoni

Il-twemmin f'Ġesù Ewkaristija għadu b'saħħtu fost l-Għawdxin minkejja l-materjaliżmu li ngħixu fih. Hi realtà li naqset ħafna fost iż-żgħażagħ, iżda għadha tbaqbaq fost kategoriji oħra tal-poplu. J'Alla id-devoti jgħixu 'l Ġesù Ewkaristija ħalli jqanqlu 'l dawk li birdu biex jerġgħu lura lejh.

## *Referenzi*

1 Iċ-ċensiment jinsab ippubblikat f' E. Winklemann, *Acta Imperii Inedita Saeculi XIII*, Innsbruck 1880, 714.

2 Barcellona, Archivo Corona de Aragona, Cancilleria, Pergaminos de Jaime II. ms. 1184. Ippubblikat minn H. Bresc, *Malta dopo li Vespro Siciliano*, fil-*Melita Historica* 6 (1972-75), 317-320.

3 V[alletta], N[otorial], A[rchives], R 399/7, 276ᵛ. Ippubblikat minn G. Wettinger, *Il-ġrajja bikrija tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex, 1435-1551*, Malta 1975, 2.

4 Ibid., 2-17 *passim*.

5 Mdina, Archivum Cathedrale Melitense, *Regestum Actorum* 36 (1541-1556) 237-241ᵛ. Ara wkoll G. Wettinger, ibid., 4.

6 cf. M. Fsadni, *Id-Dumnikani fir-Rabat u fil-Birgu sa l-1620*, Malta 1974, 132.

7 V[alletta], A[archiepisopal], A[rchives], Synod., Dioc., 1591.

8 VNA, R 175/16, 243ʳ-244ᵛ. A. Bonnici, *History of the Church in Malta, II*, Malta 1968, 86, mhux eżatt fuq dan.

9 Ara J. Bezzina, *L-Ewwel Konfraternità f'Għawdex tagħlaq 400 sena*, fil-*Leħen is-Sewwa* (17 ta' Mejju, 1975) 7.

10 Victoria, Public Library, Visitatio Pastoralis ... P. Dusina, ms. 244, 193.

11 Ibid., 413

12 Ibid., 414.

13 Ibid., 405.

14 VAA, Synod. Dioc. 1620, pars 2, 2. Cf. A.J. Borg, *The Reform of the Council of Trent in Malta and Gozo*, Malta 1975, 47.

15 Cf. *L-Editt ta' l-Erezzjoni* fi *350 sena Kolleġġjata, 1623-1972*, Victoria 1974, 9-12.

16 Aktar dwar dan cf. A. Bonnici, *Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-ewwel Parroċċi ta' Għawdex*, Għawdex 1975, 65-81.

17 Ibid., 97-105.

18 Cf. *Sannat 1868-1968*, (Gozo) 1968, taħt id-data 1809)

19 Synodus Diocesana ... Davide Cocco Palmieri celebrata ... 1703, Melitae 1942.

20 Cf. Decr. *De Augustissimo Eucaristiae Sacramento*, cap. 1-21 passim, in ibid., 24-30.

21 Cf. ibid., u l-*Istuzzioni Modo .. per introdurre alla Sacra Communione i Giovanetti*, cap. 1-7 passim, in ibid., Appendix 84-86.

22 Cf. Decr. *De Sacrifico Missae*, cap. 1-24 passim. in ibid., 51-58.

23 Cf. Decr. *De Sacramentis*, cap. 4, in Synodi Gaudisiensis Primae, Melitae 1904, 35-61.

24 Cf. in-nota storika fis-*Sacred Heart Seminary Directory*, stampat darba fis-sena.

25 Cf. *L'Eucaristia* (Numero Unico 1913) 11-20; *Il Messaggiere di Maria* 2 (1913) 77-80.

26 Hekk qaluli wħud li baqgħu jiftakru sewwa. Ara wkoll L.Vella ibid, 43.

27 Ara l-ktieb Joseph Bezzina, *Il-Kungress Ewkaristiku ta' Għawdex - 1929*, Victoria - Gozo 1979.

28 Ara *Il-Moviment Ewkaristiku Għawdxi*, f'*Il-Ħajja f'Għawdex* (Diċembru 1995) 13-14.

29 Cf. L. Vella, *Storja tal Cnisja "Ta Savina" ta' Għawdex,* korretta minn P. Cauchi, Valletta 1929, 11-39, u anki d-Diploma tat-Twaqqif, konservati sa llum fil-Knisja ta' Sabina, għal xi dati.